# LIS-SUNETT MALTI

*Ta'* VINCENT UNGARO

Ġibniek mill-Art tal-qrib, ħaddimniek sewwa
Bis-sengħa ta' mgħallmin fi Lsien barrani;
Ftit ftit, rabbejt l-egħruq, sirt minn ta' ġewwa
U fl-aħħar fi Lsien Tagħna sirt setgħani.

Il-lum fi vrusek sbieħ iddoqq il-ħlewwa
Li ħasset qalb Dun Karm fid-Din Nisrani,
U lwien, imħabba, biki, ferħ u dnewwa
Uriek ukoll li jħoss l-Għawdxi Pisani.

Mix-xejn tat-trab, fejn żergħek ġol-ħamrija
Missier(1) li qanqal fostna l-Kitba Tagħna,
Erdajt maż-żmien benniet din l-art Maltija;

U f'siġra kbirt biex tibqa' dejjem magħna
B'werqat ir-rand ifuħ tal-Poeżija
Biex bl-oħla ġieħ ilsienna bik jistagħna.

5 - xi - 49.

(1) Il-Kav. Gużè Muscat Azzopardi li ħadem ħafna għal-Lsien Malti.